28 ta' Ottubru, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Vincenzo Cauchi *versus* Giovanni Scerri

**Preskrizzjoni — Ġurament — Formola — Art. 2265 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta tiġi mogħtija eċċezzjoni brevi u l-kreditur jiddeferixxi lid-debitur il-ġurament, il-kreditur hu obligat jiddeferixxi dak il-ġurament fil-formola stabbilita mill-liġi, jiġifieri li d-debitur jaħlef li mhux debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa; u mhux lilu leċitu li jimponi lid-debitur li jaħlef altrimenti minn dik il-formola; ma jistax, per eżempju, jimponilu jispeċifika l-kawża ta' l-estinzjoni. Id-debitur jista' liberament jispeċifika wkoll dik il-kawża, jekk irid; imma dak li jixhed id-debitur għandu jammonta għal negazzjoni tad-debitu; u din in-negazzjoni għandu jagħmilha bil-kliem tal-liġi — li mhux debitur, jekk irid jinnega d-debitu; imma ma jridx jgħid li hu ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

*Fil-każ li d-debitur jagħżel li jaħlef skond l-ewwel alternattiva, l-eċċezzjoni ma tistax tiġi akkolta jekk ma jaħlefx li mhux debitur. Jekk hu jaħlef li ma jafx li għandu jagħti, il-ġurament tiegħu ma jiswiex biex isostni l-preskrizzjoni; għax li ma jafux li l-ħaġa għadha dovuta jistgħu jaħilfu biss il-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew l-oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ikunu ġejjin minn dik il-persuna.*

Il-Qorti; — Rat l-att ta' ċitazzjoni, li bih l-attur talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu £48.4.0, bilanċ ta' somma akbar, prezz u trasport ta' materjal, bl-imgħax legali mis-6 ta' Ġunju, 1951, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-8 ta' Jannar, 1955;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li ssottometta illi t-talba ma tistax isseħħ, billi l-azzjoni tinsab milquta mill-preskrizzjoni kontemplata fl-art. 2225 (d) u 2253 (a) tal-Kodiċi Ċivili;

*Omissis;*

Tikkunsidra, dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi, trattandosi ta' preskrizzjoni ta' l-ispeċi ta' dik li ġiet eċċepita, il-kreditur ma għandux dritt ieħor, skond l-art. 2265 tal-Kodiċi ċitat, ħlief dak li jiddeferixxi lid-debitur tiegħu, li jallega l-preskrizzjoni, il-ġurament li mhux debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa;

Illi l-attur iddeferixxa dak il-ġurament lill-konvenut, u dana ħalef li ma jafx li għandu jagħtieħ. "Jiena ma nafx", huwa qal, "li għandi nagħtieħ". Il-ġurament ġie deferit lill-konvenut preċiżament skond il-formola tal-liġi, però hu ma riedx jaħlef skond dik il-formola. Il-Qorti għal darbtejn staqsietu jekk jistax u jridx jaħlef skond dik il-formola; imma huwa kull darba reġa' rripeta l-istess kliem — "Jiena ma nafx li għandi nagħtieħ";

Illi l-kreditur hu obligat jiddeferixxi l-ġurament fil-formola fuq riferita, stabbilita mill-art. 2265 fuq imsemmi, u mhux lilu leċitu li jimponi lid-debitur li jaħlef altrimenti minn dik il-formola. Ma jistax, per eżempju, jimponilu li jispeċifika l-kawża ta' l-estinzjoni. Id-debitur, però, jista' liberament jispeċifika wkoll dik il-kawża, kif ġie ritenut fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell in "Mifsud vs. Sultana" (Kollez. I, 690); imma, intqal f'dik is-sentenza, dak li jixhed għandu jammonta għan-negazzjoni tad-debitu; u għandu jiżdied li din in-negazzjoni għandu jagħmilha fil-kliem tal-liġi — li mhux debitur — jekk irid jinnega d-debitu, u ma jridx jgħid li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa. F'dan il-każ, il-konvenut evidentement ma riedx jieħu t-tieni alternattiva, imma l-ewwel; u allura l-eċċezzjoni tiegħu tal-preskrizzjoni ma tistax tiġi akkolta jekk ma jaħlefx li mhux debitur; u ma tistax tiġi akkolta jekk jaħlef, kif huwa ħalef, li ma jafx li għandu jagħtieħ; għaliex skond din il-formola — "li ma jafx li l-ħaġa għandha tingħata" — jaħilfu, skond il-liġi, il-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew l-oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ikunu ġej-jin minn dik il-persuna, il-konvenut, li mhux [illegible] dawn, ma jistax [illegible] din il-formola, li huwa għażel, imma dik fuq indikata dettata għall-każ ta' debitur, kif kien il-konvenut. U għalhekk, billi dana ma ħalefx skond dik il-

formola, il-ġurament li ħa ma jiswiex, skond il-liġi, biex isostni l-preskrizzjoni. L-effett tagħha ġie mneħħi, għaliex ma hemmx id-dikjarazzjoni *fis-sens* volut mill-liġi;

Għaldaqstant;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni; bl-ispejjeż kontra l-konvenut; u tordna li l-kawża tiġi trattata fil-meritu.